MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2012

Numru 1219/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri**
**Spettur Chris Pullicino)**

**vs.**

**Aaron Steven Stewart Edward Ritchie**
**Andrea Maria Scopazzi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Aaron Steven Stewart Edward Ritchie** ta’ sebgha u ghoxrin (27) sena, iben Edgar u Jeanette nee’ Rainer imwieled Londra nhar is-17 ta’ Frar 1984, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 77000L u residenti gewwa 28, Triq it-Tafal, San Pawl il-Bahar u **Andrea Maria Scopazzi** ta’ sitta u ghoxrin (26) sena, bint Sergio u Tanya nee’ Mizzi, mwielda l-Awstralja nhar it-8 ta’ Novembru 1985, detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 156396M u

residenti gewwa 28, Triq it-Tafa, San Pawl il-Bahar, akkuzati talli;

1. Fit-13 ta' April 2011 ghall-habta ta' bejn 12:30hrs u 14:40hrs minn gewwa 119, Lucaya, Flat 7, Triq il-Bjja, Marsaskala, ikkommettew serq ta' diversi oggetti elettronici, gojjellerija u affarijiet ohra liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-2329.40 Euro (LM1,000) u bil-mezz ghad-dannu ta' Edgar Borg u/jew persuni ohra u aktar talli;

2. Fit-13 ta' April 2011 u fil-granet u l-gimghat ta' wara din id-data gewwa dawn il-gzjjer, xjentement xtraw jew laqaw ghandhom oggetti misruqa li l-valur taghhom jeccedi l-2329.40 Euro (LM1,000) mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

**Lil Aaron Steven Stewart Edward Ritchie wahdu akkuzat ukoll talli:**

1 Fl-istess, dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Kap. 446 Artikolu 7 tal-Ligijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D. datata 23 ta' Gunju 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel u aktar talli;

2 Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitoluu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Lil Andrea Maria Scopazzi wahedha akkuzata ukoll talli;**

1. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi irrendiet ruhha bhala ricediva billi kisret il-provedimenti ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Laurence Quintano LL.D. datata 11 ta' Frar 2010, fejn giet liberata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien

sittax (16) il-xahar, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha l-ohra tal-kaz.

Semghet lill-imputati jammettu l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u semghethom jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur Fabian Fleri jiddikjara li t-tieni imputazzjoni [dik ta' ricetazzjoni] migjuba fil-konfront tal-imputati hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni [dik ta' serq] migjuba fil-konfront taghhom.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fir-rigward tal-imputat Aaron Steven Stewart Edward Ritchie, il-Qorti, filwaqt li, fuq naha wahda ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tieghu f'dawn il-proceduri u l-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija, fuq in-naha l-ohra ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati, il-fedina penali tal-istess imputat (li mhijiex wahda nadifa) u kif ukoll il-*pre-sentencing report* mhejji fil-konfront tieghu. *In oltre*, il-Qorti, wara li rat il-*pre-sentencing report* mhejji fil-konfront tal-imputat Ritchie, u wara li hasbet fit-tul rigward il-piena

li ghandha tigi moghtija lill-imputat hija tal-fehma li l-imsemmi imputat ghandu jinghata cans iehor sabiex jirriforma ruhu b'dan illi l-Qorti qieghda taghmilha cara illi din ser tkun <u>**l-ahhar darba**</u> li ser jinghata dan ic-cans. Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li fil-kaz in dizamina ghandha tikkonsidra piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija u hi tal-fehma, liema fehma hija sopportata mill-*pre-sentencing report* mhejji mill-*probation officer*, li l-imputat Ritchie jigi kkundannat jaghmel xoghol komunitarju flimkien ma' ordni ta' *probation* fil-konfront tieghu, liema piena tkun aktar gusta u ekwa minn dik ta' prigunerija.

Fir-rigward tal-imputata <u>Andrea Maria Scopazzi</u>, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati kontra taghha, l-ammissjoni bikrija taghha f'dawn il-proceduri, il-fedina penali tal-istess imputata (liema fedina penali mhijiex wahda refrattarja), il-kooperazzjoni taghha mal-Pulizija u kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet fil-*pre-sentencing report* mhejji fil-konfront taghha.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak li nghad fuq, m'hemmx dubju li l-piena li ser taghti din il-Qorti liz-zewg imputati ser tkun wahda differenti.

Ghaldaqstant, il-Qorti, fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur Fabian Fleri li t-tieni imputazzjoni [dik ta' ricettazzjoni] migjuba fil-konfront tal-imputati, hija alternattiva ghall-ewwel wahda [dik ta' serq], tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni [dik ta' ricetazzjoni] u fir-rigward tal-imputat **Aaron Steve Stewart Edward Ritchie**, wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261(b), 261(c), 263(a), 267, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 7, 21 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issibu hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u, ghar-ragunijiet fuq premessi, tiddeciedi rigward il-piena fil-konfront tieghu bis-segwenti mod:

- fir-rigward tal-imputazzjonijiet bin-numru wiehed (1) [dik ta' serq], u bin-numru tnejn (2) [dik tar-

ricediva], il-Qorti Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u, a tenur ta’ l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li l-imsemmi Aaron Steven Stewart Edward Ritchie jitqieghed taht ordni ta’ *probation* u servizz taht is-sorveljanza ta’ ufficjal tal-*probation* ghal tliet (3) snin millum u li jaqdi ordni ta’ servizz fil-komunita` billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mitt (100) siegha f’dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-*Probation*, u bil-kundizzjonjiet l-ohra indikati fl-istess ordni hawn anness. Dan l-ordni qed isir wara li l-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-import ta’ din l-Ordni ta’ Servizz fil-Komunita’ u qaltlu x’inhuma l-konsegwenzi jekk huwa ma’ joqghodx ghal kundizzjonijiet ta’ dan l-Ordni u accertat ruhha li l-istess hati accetta li joqghod ghall-kundizzjonijiet ta’ dan l-Ordni.

- fir-rigward tal-imputazzjoni bin-numru wiehed (1), cioé dik li tirrigwarda ksur tal-provedimenti tal-Kapitolu 446 Artiklu 7 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti taghzel li ma tittrattax ma’ l-imputat Aaron Steven Stewart Edward Ritchie ghar-reati li dwarhom kien sar l-ordni ta’ *probation* fit-23 ta’ Gunju 2011.

Fir-rigward tal-imputata **Andrea Maria Scopazzi,** fid-dawl tal-ammissjoni ta’ htija taghha ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261(b), 261(c), 263(a), 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u Artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet tal-Malta, issib lill-imsemmija imputata Andrea Maria Scopazzi hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha (ghajr ghat-tieni (2) imputazzjoni [dik ta’ ricetazzjoni], li l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha) u, filwaqt li l-Qorti taghzel li ma tittrattax ma’ l-imputata ghar-reati li dwarhom kienet inghatat sentenza ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni, fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra taghha [dik ta’ serq], billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta’ l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, a tenur ta’ l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tqieghed lill-imputata Andrea Maria Scopazzi taht ordni ta’ *probation* ghal perijodu ta’ tlett (3) snin mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-

kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma’ din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti fissret lill-imputati Aaron Steven Stewart Edward Ritchie u lil Andrea Maria Scopazzi bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta’ l-ordni ta’ *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digrieti annessi ma’ din is-sentenza u li f’kaz li jonqsu milli jikkonformaw ruhhom ma’ dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f’kaz li jaghmlu reat iehor tul it-terminu ta’ l-ordni ta’ *probation,* jistghu jinghataw sentenza ghar-reati li taghhom nstabu hatja b’din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u ta’ l-ordni ta’ *probation* moghtija b’Digrieti ta’ llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation sabiex jassenja ufficjali tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta’ l-imputati Aaron Steven Stewart Edward Ritchie u Andrea Maria Scopazzi.

Il-Qorti tordna wkoll sabiex l-ufficjal inkarigat isegwi din is-sentenza u, fir-rigward tal-imputat Ritchie, jinforma lill-Qorti permezz ta’ nota fejn ser isir is-servizz fil-komunita’.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tikkundanna lill-imputati jhallsu l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta’ periti w esperti, il-Qorti tilqa’ tali talba u tikkundanna liz-zewg imputati jhallsu, nofs bin-nofs bejniethom, l-ispejjez kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati, cioé l-ammont komplessiv ta’ tlitt mija u tnejn u sebghin Euro u disgha u erbghin centezmu (€ 372.49) dan fi zmien tlitt (3) xhur mill-lum.

Il-Qorti tordna li *ai termini* ta’ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-proceduri u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------